**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 19 – IT-TLIETA, 14 TA' FRAR 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Janet Barthet | Membru (6.30) |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 18**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Kommunikazzjoni mic-*Chairman***

2.1 Ic-*Chairman* ġab għall-attenzjoni tal-kumitat il-problema li qed ikun hemm fi Triq il-Gardell minħabba li din hija triq dejqa u fl-istess ħin hija *Two Way*. Din il-problema tikber minħabba t-traffiku ġġenerat mill-iskola li tinsab fi Triq Antonio Schembri. Dr Frank Bartolo ppropona li Triq il-Gardell flimkien ma' Triq il-Bufula u Triq G Despott jsiru *One Way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Virdun. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.1.1 Is-Sur Mousù ppreżenta pjanta tat-traffiku ta' *junction* fi Triq Antonio Schembri kantuniera ma' Triq il-Virdun jekk jeħtieġ li tiġi ppreżentata lil Transport Malta minħabba tibdil fit-traffiku.

2.2 Saret diskussjoni rigward it-talba tas-Sur Azzopardi biex Triq l-Alwett tinbidel id-direzzjoni tal-*One Way* u anke jsir *sleeping policeman*. Il-Kumitat ma qabilx li l-*One Way* tinbidel f'din it-triq minħabba li tinbidel il-vija tat-traffiku minn waħda *clockwise* għal waħda *anti-clockwise* u minħabba li t-traffiku jiġi għat-telgħa u b'hekk jiżdied it-tniġġiż. Il-Kumitat ħass ukoll li m'hemmx bżonn li jsir *sleeping policeman* f'din it-triq.

Is-Sinjorina Janet Barthet daħlet għal-laqgħa.

## 3 Affarijiet Oħra

3.1 Il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann issuġġerixxa li ssir bozza ġdida fil-parti ta' fuq ta' Triq tas-Sliema. Is-Sinjorina Janet Barthet qablet ma' dan u pproponiet li ssir din il-bozza. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Ġiet ippreżentata kopja tal-allokazzjoni tal-Kumitat tal-Kappara.

3.3 Is-Sur Alfred Mangion issuġġerixxa li tintbagħat *reminder* lil Transport Malta rigward iz-*zebra crossing* fi Triq Birkirkara.

3.4 Għandha tintbagħat ittra lil Enemalta rigward *wires* tal-elettriku mdendlin fit-Toroq Ħuttaf, Falkun u Gallina.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2012 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**